MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 311/2009

**Gutenberg Press Limited (C-8936)**

**vs**

**AGV Advertising Agency Malta Limited (C-39729)**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef tlett mija u hamsin Ewro (€5,350) rapprezentanti prezz ta' stampar moghti lilhom fuq ordnijiet taghhom stess u li baqa' ma thallasx (ara l-prospett anness u mmarkat Dok A), oltre l-imghaxijiet fuq is-somma kapitali kalkolati mid-data tal-fattura relattiva, bl-oghla rati permessi mil-ligi;**

**Nonostante li giet interpellata thallas diversi drabi, inkluz b'ittra bonarja datata 29 ta' Lulju tas-sena 2009, (annessa u mmarkata Dok B), is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata li hija ngunta in subizzjoni, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta` rikorrent sabiex is-socjeta' intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fid-9 ta' Marzu tas-sena 2010 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata AGV Advertising Agency Malta Limited (C-39729) thallas is-somma ta' hamest elef tlett mija u hamsin Ewro (€5,350) lis-socjeta` rikorrenti Gutenberg Press Limited (C-8936);**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra s-socjeta' intimata.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------